*ĠRAJJIET STORIĊI*

# MITEJN SENA ILU

Din is-sena nfakkru l-mitejn sena minn meta l-Franċiżi okkupaw il-Gżejjer Maltin u fl-istess waqt meta missirijietna b'kuraġġ kbir inblukkaw l-istess Franċiżi fil-belt ta' Malta għal sentejn sħaħ. Dan kollu beda jseħħ proprju fl-istaġun tal-festi. Aħna llum megħdijin bil-baned, sparar, ċerimonji u tiżjin. Għalhekk kultant huwa tajjeb li wieħed jieqaf u jaħseb ftit x'għadda minn missirijietna f'dak is-sajf tal-1798 u kif b'sagrifiċċji kbar il-Maltin għal sentejn sħaħ kellhom jinsew li għandhom familja, li għandhom djarhom, l-għelieqi bil-prodotti tagħhom u ħafna affarijiet oħra, fosthom il-festi tar-raħal, li llum niċċelebraw tant bil-ħerqa. Dawn li ġejjin huma xi ġrajjiet li laqtu dirett lill-poplu Malti, u b'mod partikulari, lin-nies tar-raħal tagħna.



***I Cacciattori Maltesi*, li ngabu l-Gudja mill-Kunsill Lokali waqt il-kommemorazzjoni tal-200 sena tal-miġja tal-Franċiżi f' Malta. Dawn kienu kaċċaturi mill-kampanja mwaqqfa fi żmien il-Granmastru De Rohan fl-1777. Fi żmien il-Franċiżi kienu ssieħbu fid-difiża ta' pajjiżna kontrihom.**

Kien l-Erbgħa 6 ta' Ġunju 1798 meta ntlemħu fl-ibħra Maltin sebgħin bastiment li kellhom fuqhom kontinġent ġej minn Civita' Vecchia. Tlett ijiem wara, is-Sibt 9 ta' Ġunju maż-żernieq, mit-torrijiet ta' l-għassa f'Għawdex intlemħu ruxxmata bastimenti tal-gwerra Franċiżi.

Il-Maltin ma kinux jafu x'ser jaqbdu jagħmlu. Kemm il-Kavallieri kif ukoll il-Maltin qatt ma basru li Franza kellha għalfejn tattakka lil Malta. Ir-relazzjonijiet bejn Malta u Franza ma kinux ħżiena.

Il-Kavallieri Franċiżi u xi Maltin li kienu ħadmu minn taħt għal dan l-avveniment, żammew kollox sigriet u taw lil kulħadd x'jifhem li l-armata Franċiża kienet fi triqtha lejn l-Eġittu u xejn iżjed.

Bejn il-Kavallieri kien hemm nuqqas ta' ftehim. Min ried li kulħadd jinġabar wara s-swar, u oħrajn dawk imsieħba ma' Napuljun opponew għax jekk isir hekk, dawn qalu li kif il-Maltin ikunu miġburin wara s-swar iħebbu għall-Kavallieri.

Għalkemm il-fortifikazzjonijiet kienu mħarsin b'mod regolari, kif ukoll ix-xtajtiet bit-torrijiet tagħhom, u s-suldati tad-Dejma u Kavallieri li kienu jgħassu fihom kienu f'posthom, ma ngħatat l-ebda ordni ta' difiża f'każ ta' attakk. Wara kollox kien hemm dubji serji x'kienet ir-raġuni vera tal-preżenza ta' l-armata Franċiża li mliet il-baħar minn Għawdex sa Marsaxlokk bil-bastimenti.

Dakinhar stess, Napuljun bagħat jitlob lill-Granmastru Hompesch biex idaħħal il-flotta fil-port ta' Malta biex timla ħażna ta' ilma billi kienu ilhom tnejn u għoxrin jum fuq il-baħar. Din kienet parti mill-pjan ta' Napuljun biex jokkupa 'l Malta, għax hu kien diġa' jaf li din it-talba mhix ser tintlaqa'. Fil-fatt Hompesch, bil-parir tal-Kunsill tal-Ordni, bagħat jgħid lil Napuljun li t-talba tiegħu ma tistax tintlaqa', kemm minħabba raġunijiet ta' kwarantina, kif ukoll skond artiklu 13 tat-trattat ta' Utrecht, fejn il-pajjiżi Ewropej ftiehmu li fi żmien ta' gwerra, l-ebda pajjiż minnhom li jkunu fi gwerra, m' għandu jitħalla jdaħħal iktar minn erba' biċċiet tal-gwerra fl-istess waqt fil-portijiet Maltin.

Għalkemm Napuljun kien jistenna risposta bħal din, għamel ta' bi ruħu li kien offiż. Hu kiteb ittra lill-Granmastru fejn qallu li l-għada kien ser jieħu bil-forza dak li talab, u li hu personali jkun

responsabbli ta' xi hemm li jista' jinqala' għax kien hu li rrifjuta t-talba tiegħu. Iżda Napuljun ma bagħatx il-messaġġ lura minnufih. Lil Caruson, il-Konslu Franċiż li kien wassal ir-risposta tal-Granmastru, żammu fuq il-bastiment tiegħu sa l-għada fil-għodu, jiġifieri sa wara li l-Franċiżi kienu bdew l-invażjoni f'Malta.

Fl-istess jum, fid-9 ta' Ġunju 1798 fl-10.00 p.m. Napuljun ta ordni biex f'nofs il-lejl jibda l-iżbark skond il-ftehim li kien għamel qabel mal-kmandanti tiegħu. B'din l-ordni madwar 40,000 ruħ kienu lesti biex jinvadu l-Gżira.

Fis-sigħat bikrin tal-10 ta' Ġunju, u mingħajr ebda telf ta' żmien, xi wħud mill-Kavallieri leali lejn l-Ordni, ġarrew 11,000 kartell porvli lejn ix-xatt ta' Bormla, u minn hemm ħaduhom bid-dgħajjes lejn il-Belt, għalkemm kellhom xi tfixkil minn dawk li kienu qed jaħdmu għal Franza. Dawn ta' l-aħħar bdew imexxu xnigħat biex iqarrqu bil-Maltin u biex ma jappoġġjawx lill-Kavallieri.

Dak kollu li beda jiġri f'dan il-jum wera ċar li kemm Malta kif ukoll l-Ordni kienu ttraduti mill-ogħla uffiċċjali ta' l-istess Ordni ta' San Ġwann.

Ġara li l-Maltin li kienu jgħassu f'qagħdiet bejn San Pawl u San Ġiljan ħarbu lejn l-Imdina hekk kif raw l-attakk fuqhom.

In-nies ta' l-Imdina ma xtaqux li jitilfu ħajjithom u jħallu djarhom, billi jieqfu lill-Franċiżi u wara kollox ikunu waqfulhom għalxejn. Il-Ħakem u l-Ġurati kienu jafu li m'għandhomx biex jiddefendu l-Imdina u r-Rabat. Dawn kienu miżgħuda bin-nies ta' l-irħula ta' madwar. Malajr il-Ħakem u l-Ġurati flimkien ma' l-Isqof iltaqgħu u ftiehmu li jekk il-Franċiżi jwiegħdu li jirrispettaw il-knisja u t-twemmin tal-fidili u l-privileġġi, liġijiet u propjeta' tal-Maltin, huma kienu lesti li jċedu. Filwaqt li parti mill-Franċiżi kellhom taħt idejhom l-Imdina u l-inħawi ta' madwar, Franċiżi oħrajn li kellhom jattakkaw Forti Manoel u l-Forti ta' Tigne' sabu min jiqfilhom u wara li taw l-assalt fuq dawn il-forti kellhom jirtiraw u jaħarbu ma' dawk il-Maltin u Kavallieri li kienu fihom.

Sadanittant il-Franċiżi rnexxielhom jidħlu wkoll qrib Marsaxlokk wara ġlied aħrax fl-inħawi ta' Delimara. Forti San Luċjan kien l-aħħar li ċeda. Hawn il-Kavallieri u mija u sittin Malti wrew reżistenza liema bħala u baqgħu jiġġieldu sa kmieni l-għada fil-għodu meta spiċċalhom il-proviżjoni tal-kanuni u ċedew bl-unuri kollha. Dan kollu seħħ waqt li l-Granmastru kien diġa' talab għall-waqfien mill-ġlied. Sar ftehim ta' waqfien mill-ġlied għal 24 siegħa, li matulhom kellu jitfassal trattat bejn l-Ordni u Napuljun.

Nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju 1798, fuq il-fortifikazzjonijiet dehret tperper il-bandiera Franċiża u Napuljun flimkien mal-Ġenerali tiegħu daħal bil-mixi fil-Belt Valletta.

Bejn it-13 u t-18 ta' Ġunju Napuljun Bonaparte ta ruxxmata ordnijiet li bihom kellha titmexxa Malta taħt il-ħakkiema l-ġodda. Dawn l-ordnijiet kienu jolqtu b'kull mod il-ħajja ta' poplu u Nazzjon:- amministrazzjoni, distretti, armata u uniformijiet, propjeta', konsli, finanzi, saċerdoti u ordnijiet reliġjużi, kunventi, ġbir ta' armi mill-idejn, torrijiet ta' l-għassa, kwarantina, edukazzjoni u skejjel primarji, baħħara, drittijiet ugwali għal kulħadd, skjavi misilmin u tpartit ma' skjavi Franċiżi u Maltin, armi ta' nobiltajiet u l-Granmastri, għajnuna finanzjarja lin-nisa u t-tfal ta' dawk l-irġiel li kellhom imorru ma' l-armata Franċiża, għalliema, skola ċentrali, taxxi, infrastruttura, sptarijiet, żwiġijiet u ħafna punti oħrajn fosthom it-tkeċċija tal-Kavallieri mill-Gżejjer Maltin.

Waħda mill-ordnijiet ewlenin ta' Napuljun kienet kif kellu jkun iggvernat il-pajjiż. Hu għamar li kellha ssir Kummissjoni Governattiva b'disa' membri nominati mill-Kap Kmandant. Il-kummissjoni kellha tkun preseduta minn kull membru għal żmien sitt xhur, wieħed wara l-ieħor. Fit-13 ta' Ġunju, il-Kap kmandant ordna li dawn id-disgħa minn nies ikunu l-membri tal-Gvern: Bosredon Ransijat; Vincenzo Caruana; Karlu Astor; Pawlu Ciantar; Ġann Frangisk Dorell; Pawlu Grungo; Beneditt Schembri; Kan. Saverio Caruana u Kristofru Frendo.

Ġann Frangisk Dorell, ħu Bettina Dorell, ta sehem kbir biex il-Franċiżi ppruvaw minn qabel biex jaħtfu l-Gżejjer Maltin. Wara li Napuljun daħal Malta u ħatar il-Kummissjoni tal-Gvern, Dorell flimkien mal-Kanonku Saverio Caruana u Pawlu Grungo ffinalizzaw it-tqassim ta' Malta u Għawdex f'muniċipji. Il-membri tal-familja Dorell kienu partiġġjani Franċiżi u matul iż-żmien qasir li l-Franċiżi damu Malta ingħataw karigi tajbin. Fil-21 ta' Awissu, Ġann Franġisk Dorell flimkien ma' Pawlu Ciantar u l-Kan. Caruana kienu fdati jippjanaw tibdil meħtieġ fl-isptar tan-nisa, biex

jakkomodaw irġiel ukoll.

Ġann Franġisk Dorell kien ukoll wieħed minn dawk il-kwantita' ta' nobbli u sinjuri li Vaubois issellef b'forza mingħandhom bil-wiegħda li jrodd lura bl-interessi wara r-rebħa.

Dun Mikiel Xerri fl-ittri sigrieti li kien jgħaddi lil sħabu Maltin barra l-belt jgħid li Ġann Franġisk Dorell ta għax-xorb u telaq jgħix waħdu.

Il-Baruni Ġann Franġisk Dorell tħalla joħroġ mill-Belt Valletta fit-18 ta' Jannar 1800. Fil-pront hu sab ruħu arrestat u kkalzrat fil-Forti Chambray, Għawdex. Fl-24 ta' Frar il-Kaptan Alessandru Ball talab lill-Arċipriet Cassar mexxej t'Għawdex, biex iħalli lil Dorell joħroġ jagħmel xi mixja fil-kampanja iżda akkumpanjat b'għassies. Dorell tħalla jerġa' jirfes Malta wara li l-Franċiżi telqu.

Il-Franċiżi qassmu 'l Malta fi tnax-il muniċipju (distrett). Il-Belt ta' Malta kienet tikkonsisti fi tnejn minnhom (tal-Lvant u tal-Punent). L-għaxar muniċipji l-oħra kienu kif ġej: L-Imdina bir-Rabat u Ħad-Dingli; Ħaż-Żebbug; Ħal Qormi; in-Naxxar; B'Kara; is-Siġġiewi; iż-Żejtun; iż-Żurrieq; ir-Rabat Għawdex u x-Xagħra Għawdex. Kull muniċipju kellu miegħu l-irħula ta' madwar. Il-Gudja, Ħal Safi u Ħal Kirkop kienu mal-muniċipju taż-Żurrieq. Il-membri maħtura mill-kummissjoni tal-Gvern għal dan il-muniċipju kienu:

Gejtan Saydon miż-Żurrieq tabib, President, Ġann Battista Saydon miż-Żurrieq, Segretarju, Gejtan Dalli miż-Żurrieq, propjetarju, Xandru Damato miż-Żurrieq, negozjant Ġanni Cassar minn Ħal Kirkop, negozjant u Filippu Castagna mill-Gudja, negozjant.

Fil-25 ta' Ġunju nħatru l-imħallfin tal-Qrati Ċivili u l-imħallfin tal-Paċi għal kull muniċipju. L-imħallef tal-Paċi għal dan il-Muniċipju kien Toni Cassar, iżda għal xi raġuni dawn ma daħlux fil-kariga, għalhekk saret lista oħra ta' mħallfin tal-Paċi li kienet tikkonsisti minn sinjuri, avukati u nies ta' fama. B'hekk in-Nutar Gejtano Vitale sar l-imħallef tal-Paċi għal dan il-muniċipju.



**Il-Palazz D' Aurel kellu sehem importanti waqt il-qagħda tal-Franċiżi fostna**

Fi ftit jiem il-ħajja reġgħet bdiet ġejja għan-normal, iżda ma damitx wisq. L-ordnijiet li ta Napuljun b'xi mod kienu aċċettati, iżda l-ordnijiet li bdew jingħataw mill-mexxejja li ħalla fil-Gżira, il-poplu beda jitfantas bihom. Bdew jinġabru listi ta' Negozjanti Maltin; listi ta' knejjes (mhux parrokkjali), il-kappillani kellhom jagħtu lista bid-dettallji mitluba tan-nies tal-parroċċi tagħhom. Fl-aħħar ta' Ġunju ħarġet ukoll ordni biex titneħħa kull tifkira ta' fewdaliżmu. L-armi tal-kunjomijiet kellhom jitneħħew kollha. Il-bandiera Franċiża kellha tittella' fuq il-knejjes kollha, kunventi, sptarijiet u s-Seminarju. Min ma jobdix fi żmien tlett ijiem jeħel multa ta' 50 skud. Għall-Maltin tfaċċa inkwiet ieħor. Kursara Ngliżi bdew jaħbtu għall-bastimenti Maltin għax issa kienu taħt il-bandiera Franċiża. Barra dan, il-kursara Maltin intemmitilhom l-biċċa ħobż li kellhom mill-bastimenti Misilmin, għax issa Malta taħt il-Franċiżi kellha relazzjonijiet tajbin ma' l-Istati Musulmani. Il-poplu beda wkoll juri li hu mdejjaq b'dan in-numru kbir ta' Franċiżi mas-saqajn, u li bdew iqisu li kollox sar tagħhom, u wara kollox dan riedu jagħmlu tajjeb għalih Malta u l-Maltin u mhux Franza.

Hekk kif Napuljun daħal Malta, il-kummerċ kollu li qabel kien isir ma' Sqallija, fosthom l-importazzjoni tal-qamħ, waqaf ħesrem. Sqallija bdiet timponi kwarantina stretta fuq bastimenti li jkunu waslu hemmhekk minn Malta. Dan beda jsir minħabba xi mard jittieħed li setgħu ħadu magħhom is-suldati u baħrin Franċiżi. Hekk kif Malta ġiet taħt il-Franċiżi reġa' beda wkoll xi kummerċ ma' pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq fejn kienet

spiss titfaċċa il-pesta. Il-Mexxejja Franċiżi, Vaubois u D'Angely inkwietathom wisq din l-attitudni ta' Sqallija. Huma kitbu u bagħtu messaġġiera lill-viċi-re biex juruh li f'Malta m'hawnx mard jittieħed. Iżda kien kollu għalxejn għax il-kwistjoni kollha kienet waħda politika. Dan turih ċar ordni li ta l-Viċi Re ta' Sqallija liċ- ċittadini tiegħu fejn qallhom biex mill-provvisti ta' ikel li jintbagħtu Malta, l-ebda proviżjon ma kellu jintbagħat Malta biex iforni lis-suldati jew baħrin Franċiżi. Dan, għax skond it-Trattat ta' Paċi li kellha Napli, riedet iżżomm newtralita' bejn Franza u l-Ingilterra. Din l-ordni xi ftit jew wisq kienet tinkiser b'kuntrabandu li kien hemm bejn xi Sqallin u l-Franċiżi. Iżda dan ukoll intemm hekk kif il-Franċiżi kienu mblukkati fil-Belt ta' Malta, kemm mill-baħar kif ukoll mill-art.

Vaubois u D'Angely bdew jagħtu messaġġi lil Napuljun u lill-Gvern Franċiż biex juruhom is-sitwazzjoni imwiergħa tan-nuqqas ta' ikel, jew aħjar nuqqas ta' flus. Finanzjarjament l-Ordni tal-Kavallieri kienet diġa' ħadet daqqa sewwa, għax tilfet ħafna mill-beni li kellha fl-Ewropa meta qamet ir-rivoluzzjoni fi Franza. Dak kollu li kien baqagħlu l-Ordni laħaq ħatfu u ħadu miegħu Napuljun. Il-flus minn xi mkien riedu jiġu biex il-Gvern ikun jista' jmexxi l-pajjiż u jħallas lis-suldati Franċiżi.

Kien f'Awissu meta l-Franċiżi ddisprati bla flus, bdew jattwaw miżuri biex jinġabru flus li kienu hekk bżonnjużi. Fis-26 ta' Lulju D'Angely ħareġ avviż liċ-ċittadini Maltin u b'mod partikolari lir-raħħala li setgħu jsiru sidien ta' propjeta' tal-Gvern. Hu ppropona li jsir bejgħ ta' 500,000 skud. Il-bejgħ kellu jsir bil-valur tal-kera maqlub f'kapital bil-5%. Iċ-ċnus bl-istess mod, iżda bi preferenza għall-kerrej, u jekk dan ma jixtrix, il-propjeta' tinbiegħ bi rkant. Iżda dan ma rnexxiex għax il-poplu ma kellux flus. Saru taxxi ġodda fuq xi prodotti ta' ikel u fuq il-bejgħ ta' ilma minn ġwiebi pubbliċi. Fl-aħħar il-Franċiżi ħarġu b'miżura oħra li kellha tkun il-qofol ta' kollox biex il-Maltin li kienu qed jissaportu dan kollu jisplodu u jħebbu għall-Franċiżi.

Din ta' l-aħħar kienet li jinbiegħu l-oġġetti sagri mill-knejjes u kunventi li kienu għalqu l-Franċiżi stess.

Fl-14 ta' Lulju l-Franċiżi ċċelebraw il-festa tal-Liberta' li tfakkar il-jum li fih bdiet ir-Revoluzzjoni Franċiża. Għal din il-festa tħejja programm li fih kellhom isiru tiġrijiet taż-żwiemel bi premju, il-Gvern kellu jagħti dota lil erba' xebbiet orfni li żżewġu f'dak il-jum, sar bandu lill-Maltin biex jingħaqdu flimkien għal din l-okkażżjoni u n-nobbli kellhom jaħarqu dokumenti u bolol ta' titli fuq l-artal tal-Liberta'. Ħdejn l-artal kellha titwaqqaf ukoll is-Siġra tal-Liberta' (arblu mżejjen, u fuq it-tarf tiegħu mlibbes kappell tas-suldati Franċiżi). Mill-għada stess ta' dawn il-festi beda jidher il-beraq ta' maltempata fil-viċin. Il-muniċipju ta' B'Kara rrapporta ġlieda kbira f' Ħ'Attard. Jumejn wara Vaubois rrapporta lill-kummissjoni tal-Gvern li r-Rabat u Ħad-Dingli kien qed isir bejgħ ta' porvli li nsteraq mit-torrijiet tal-għassa. Fl-24 ta' Lulju, il-Muniċipju tas-Siġġiewi rrapporta li wieħed miż-żewġ torrijiet fl-istess muniċipji kien sgassat u l-armi u l-porvli li kien hemm fih insterqu. L-għada l-Muniċipju taż-Żejtun irrapporta ġlieda kbira bejn suldati Franċiżi li kienu għassa fit-Torri ta' Wied il-Għajn u n-nies tal-post. Fid-9 ta' Awissu fin-Naxxar kien irrapportat li xi nies ta' qattani kienu qed iwerwru lil kulħadd. Fil-31 ta' Awissu il-muniċipju ta' Ħaż-Żebbuġ kellu juża s-suldati biex irażżan in-numru kbir ta' dawk in-nies li kienu jaqalgħu l-inkwiet, iżda għarralu għax jumejn wara l-President tal-Muniċipju spiċċa vittma tagħhom. Iżda l-qagħad kien fattur li saħħan irjus il-poplu. Għadd kbir ta' nies spiċċaw bla xogħol hekk kif Napuljun keċċa l-Ordni tal-Kavallieri minn Malta. Il-kursara Maltin ukoll spiċċalhom ħobżhom għax Franza kellha relazzjonijiet tajba ma' l-istati Misilmin. In-nissieġa tal-qoton spiċċaw ukoll bla xogħol, għax il-produtturi tal-qoton ma komplewx ifornuhom bil-materjal. Għalhekk dawk il-ħafna nisa u xebbiet li kienu jaħdmu f'din l-industrija, speċjalment fl-irħula li kienu mal-muniċipji taż-Żurrieq (Gudja, Safi, Kirkop) u tas-Siġġiewi (il-Qrendi u l-Imqabba), spiċċaw kollha bla xogħol.

***Mario Gatt***

*It-tieni part ta' dan l-artiklu tkompli fil-Fuljett Parrokkjali ta' Ottubru - Novembru*